



Brussell, 14 ta' Frar 2025
(OR. en)

6271/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0023(COD)**

**JUSTCIV 26
JAI 199
EMPL 50
ECOFIN 158
COMPET 73
CODEC 144**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 40 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza biex jiġu sostitwiti l-Annessi A u B tiegħu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 40 final.

Mehmuż: COM(2025) 40 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.2.2025
COM(2025) 40 final

2025/0023 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza biex jiġu
sostitwiti l-Annessi A u B tiegħu**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-Annessi A u B huma deċiżivi fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza. Huma jelenkaw b'mod eżawrjenti dawk il-proċedimenti ta' insolvenza jew il-prattikanti fl-insolvenza, rispettivament, tal-liġijiet tal-Istati Membri, li r-Regolament japplika għalihom. Għalhekk, huwa ta' importanza assoluta li dawn l-Annessi jiġu aġġornati regolament sabiex jirriflettu s-sitwazzjoni legali attwali fl-Istati Membri.

Skont l-Artikolu 1(1), il-punt (4) tal-Artikolu 2 u l-premessa (9) tar-Regolament, proċedimenti nazzjonali jikkwalifikaw bħala "proċedimenti ta' insolvenza" fil-kuntest tar-Regolament biss jekk ikunu elenkati fl-Anness A tiegħu. Bl-istess mod, skont il-punt (5) tal-Artikolu 2 u l-premessa (21) tar-Regolament, il-persuni u l-korpi li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' "prattikant fl-insolvenza" tar-Regolament huma elenkati fl-Anness B.

F'Lulju 2022, is-Slovakkja innotifikat lill-Kummissjoni dwar bidliet reċenti fil-liġi tal-insolvenza domestika tagħhom li jintroduċu skema preventiva ġdida tal-insolvenza, kif ukoll dwar tipi ġodda ta' Prattikanti fl-insolvenza. Dan kien segwit minn notifiċi mill-Estonja, Spanja, Malta u l-Italja f'Settembru 2022, mill-Belġju f'Lulju 2023 u mil-Lussemburgu f'Jannar 2024.

Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa t-talba ta' dawk l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-konformità tan-notifiċi mar-rekwiżiti tar-Regolament.

Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/848 jiġi emendat skont dan.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-Regolament (UE) 2015/848 huwa strument importanti tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili fil-livell tal-UE. It-trattament effiċjenti ta' insolvenzi transfruntieri ta' debitori biċ-ċentru tal-interessi prinċipali tagħhom fi Stat Membru jitlob li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jirrifletti s-sitwazzjoni attwali tal-liġijiet ta' insolvenza domestiċi. Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jiġi aġġustat biex jirrifletti l-qafas legali attwali tal-Istati Membri dwar l-insolvenza minn meta jibda japplika.

Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar l-insolvenza)¹ tistabbilixxi standards minimi kemm għall-proċeduri ta' ristrutturar preventiv disponibbli għad-debituri f'diffikultà finanzjarja, meta jkun hemm probabbiltà ta' insolvenza, kif ukoll għal proċeduri li jwasslu għall-ħelsien mid-dejn imġarrab minn imprendituri b'dejn eċċessiv u li jippermettulhom jibdew attività ġdida. Proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza li jittrasponu din id-Direttiva jistgħu jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/848, jekk ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament fil-konfront tal-proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza u huma inklużi fl-Anness A tar-Regolament.

¹ ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18–55.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Regolament għandu rwol importanti ta' appoġġ għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u għall-moviment liberu tal-persuni.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 81 (2) (a), (c) u (f) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Ir-Regolament (UE) 2015/848 jaqa' taħt il-kompetenza kondiviża tal-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament (UE) 2015/848 jipprevedi sett komprensiv ta' regoli li japplikaw direttament għall-proċedimenti ta' insolvenza transfruntiera imsemmijin fl-Anness A u għat-tipi ta' prattikanti fl-insolvenza msemmijin fl-Anness B.

Madankollu, il-proposta attwali sempliċement timmodifika dawn l-Annessi sabiex jirriflettu b'mod preċiż il-kontenut tan-notifiki nazzjonali u tadatta l-Annessi li jinkludu l-listi tal-proċeduri nazzjonali, it-tipi ta' prattikanti fl-insolvenza rispettivament, f'dan il-qasam. Dawn il-bidliet ma jaffettwaw l-ebda wieħed mill-obbligi u r-regoli stabbiliti fir-Regolament innifsu.

B'riżultat ta' dan, sakemm id-dispozzjonijiet sostantivi ta' dan ir-Regolament jibqgħu mhux mibdula, l-emendi tal-Annessi A u B tar-Regolament ma jaffettwawx is-sett ta' regoli sostantivi u jistgħu jsiru biss mil-leġislatura tal-Unjoni u mhux mill-Istati Membri. Għaldaqstant, l-emendi għal dawn l-Annessi huma kompetenza esklużiva fin-natura tagħhom, u b'hekk mhumiex soġġetti għat-test ta' sussidjarjetà u għall-proċedura ta' rieżami ex-ante tal-Protokoll Nru 2 mat-Trattati, peress li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għas-sitwazzjoni kkonċernata.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-Proposta tal-Kummissjoni tissostitwixxi l-listi fl-Annessi A u B tar-Regolament (UE) Nru 2015/848 b'listi ġodda li jqisu t-tagħrif innotifikat mill-Istati Membri. Billi l-Annessi A u B huma parti intrinsika tar-Regolament, il-modifika tagħhom tista' ssir biss permezz ta' emenda leġislattiva tar-Regolament.

Ir-Regolament japplika direttament fl-Istati Membri. Huwa ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għalhekk il-kontenut tiegħu huwa aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa għar-raġunijiet li ġejjin:

Skont il-leġislazzjoni attwali, l-Annessi A u B tar-Regolament jistgħu jiġu emendati biss permezz ta' Regolament li jrid jiġi adottat permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja, skont il-bażi ġuridika applikata għar-Regolament oriġinali. Din l-emenda għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni.

Is-Slovakkja, l-Estonja, Spanja, Malta, l-Italja, il-Belġju u l-Lussemburgu nnotifikaw lill-Kummissjoni bl-emendi għal-listi stabbiliti fl-Annessi A u B. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda għażla oħra ħlief li tipproponi emendi għall-Anness tar-Regolament, sa fejn dawn l-emendi jkunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-emendi previsti huma ta' natura purament teknika. Ma fihom l-ebda tibdil sostanzjali għar-Regolament. Għal inizzjattivi ta' dan it-tip, f'konformità mal-Linji Gwida tar-Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni Ewropea, ma hi meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, wara t-talba tas-Slovakkja biex tinbeda l-proċedura leġislattiva meħtieġa, wara talbiet simili mingħand l-Estonja, Spanja, Malta, l-Italja, il-Belġju u l-Lussemburgu, il-Kummissjoni ma kien baqgħalha l-ebda għażla, ħlief li tilqa' dawn it-talbiet, sa fejn tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament. Ix-xogħol preparatorju għall-adozzjoni ta' din il-proposta ma jirrikjedi l-ebda għarfien espert ġdid.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza biex jiġu sostitwiti l-Annessi A u B tiegħu

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2), il-punti (a), (c) u (f) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Annessi A u B tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jelenkaw l-ismijiet mogħtija fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri lill-proċedimenti ta' insolvenza u lill-prattikanti fl-insolvenza li dak ir-Regolament japplika għalihom. L-Anness A jelenka l-proċedimenti ta' insolvenza msemmija fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2015/848 u l-Anness B jelenka l-prattikanti fl-insolvenza msemmija fil-punt (5) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament.
- (2) F'Lulju 2022, is-Slovakkja innotifikat lill-Kummissjoni dwar bidliet reċenti fil-liġi tal-insolvenza domestika tagħhom li jintroduċu skema preventiva ġdida tal-insolvenza, kif ukoll tipi ġodda ta' Prattikanti fl-insolvenza. Dik in-notifika kienet segwita minn notifiċi mill-Estonja, Spanja, Malta u l-Italja f'Settembru 2022, mill-Belġju f'Lulju 2023 u mil-Lussemburgu f'Jannar 2024, kollha relatati ma' bidliet reċenti fil-liġi domestika tagħhom li jintroduċu tipi ġodda ta' proċedimenti ta' insolvenza jew Prattikanti fl-insolvenza. Dawk it-tipi ġodda ta' proċedimenti ta' insolvenza u Prattikanti fl-insolvenza jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/848 u b'hekk huwa neċessarju li jiġu emendati l-Annessi A u B ta' dak ir-Regolament.
- (3) F'konformità mal-[Artikoli 1 u 2] [fil-każ ta' nonparteċipazzjoni] [l-Artikolu 3] [fil-każ ta' parteċipazzjoni] u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, [l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]/[mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll, l-Irlanda mhix se tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu].
- (4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-

² Ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/848/oj>).

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih u lanqas ma hi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/848 jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi A u B tar-Regolament (UE) 2015/848 huma sostitwiti bit-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President